# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 1**

**Appell Kostituzzjonali Numru 13/2015/1**

**Angela *sive* Gina Balzan**

***v.***

**L-Onorevoli Prim Ministru; l-Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali; l-Avukat Ġenerali; u Brian u Cecilia konjuġi Bajada**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-21 ta' Frar 2017 li ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju wara li laqgħet eċċezzjoni ta' *res iudicata.* Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn:

2. Fit-12 ta' Frar 2008 l-attriċi kienet fetħet kawża kostituzzjonali[1] kontra l-Gvern ta' Malta u kontra Brian u Cecilia konjuġi Bajada u talbet

[1] Angela Balzan *v.* Prim'Ministru *et*, rik. kost. 15/2008, maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2012.

rimedju għal dak li qieset *inter alia* bħala ksur tal-jedd tagħha ta' proprjetà u l-jedd li ma ġġarrabx diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' dak il-jedd. Aktar speċifikament, talbet dikjarazzjoni li l-art. 12A tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"] ma għandux effett fuq ir-relazzjoni legali bejnha u l-konvenuti Bajada u talbet ukoll l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-proprjetà immobbli tagħha, b'riżerva għal-likwidazzjoni tad-danni li ġarrbet minħabba l-ksur tal-jeddijiet tagħha.

3. L-attriċi qieset illi l-jeddijiet tagħha nkisru b'konsegwenza tal-promulgazzjoni tal-Att tal-2007 li daħħal b'liġi dak li llum huwa l-artikolu 12A tal-Kap. 158. Dik id-disposizzjoni tal-liġi tat id-dritt lill-konvenuti Bajada li jikkonvertu t-titolu tagħhom ta' sub-enfitewsi fuq il-proprjetà tal-attriċi f'titolu ta' kiri biex hekk ikunu jistgħu jkomplu jokkupaw il-proprjetà tal-attriċi b'kiri mal-għeluq taċ-ċens temporanju fit-13 ta' Ġunju 2002. Bħala konsegwenza ta' dan kollu, l-attriċi ġiet imċaħħda bħala sid milli tieħu lura l-pussess battâl u t-tgawdija ta' ħwejjiġha mingħajr ma ngħatat kumpens xieraq u għalhekk bi ksur tad-dritt fondamentali tagħha għalt-tgawdija ta' ħwejjiġha.

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tal-11 ta' Ottubru 2011 kienet qatgħet dik il-kawża billi qalet illi:

> »... … … huwa ferm evidenti illi l-art. 12A tal-Kap. 158 ma jħarisx il-proporzjonalità u t-tqassim xieraq ta' piżijiet u benefiċċji li jrid l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Għalhekk, l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-art. 12A tal-Kap. 158 għall-każ tallum ikun bi ksur tal-jeddijiet tal-attriċi mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.«

5. Qalet ukoll illi:

»Fost ir-rimedji li qiegħda titlob l-attriċi għal dan il-ksur hemm dak tal-iżgumbrament tal-konvenuti Bajada mill-fond. Din il-qorti ma tarax illi huwa kompitu tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali li tagħti ordni ta' żgumbrament, ukoll għax ma ġiex, u ma setax jiġi, dibattut quddiemha jekk il-konvenuti Bajada għandhomx xi titolu ieħor biex iżommu l-fond. Jidher ukoll illi hemm kawża oħra pendenti bejn l-attriċi u l-kerrejja (rikors maħluf numru 288/2007) fejn tiġi dibattuta l-kwistjoni tal-iżgumbrament. Għall-għanijiet ta' din il-kawża tallum huwa biżżejjed li jingħad illi l-konvenuti Bajada ma jistgħux jinqdew bl-art. 12A tal-Kap. 158 biex jilqgħu għal kull azzjoni li għamlet jew tista' tagħmel l-attriċi fil-*forum* kompetenti biex tikseb l-iżgumbrament tagħhom.«

6. Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat is-sentenza appellata ħlief fil-parti tagħha fejn iddikjarat li l-konvenuti Bajada ma jistgħux jinqdew bl-art. 12A tal-Kap 158 biex jilqgħu għal kull azzjoni li għamlet jew tista' tagħmel l-attriċi biex tikseb l-iżgumbrament tagħhom. Minflok, bħala rimedju, ordnat lill-konvenuti li jidhru għall-Gvern ta' Malta jħallsu *in solidum* lill-attriċi s-somma ta' sittin elf euro (€60,000) bħala kumpens għall-ksur tad-dritt tagħha ta' proprjetà mis-sena 2002 sad-data tas-sentenza.

7. Fis-sentenza tagħha din il-qorti kienet ukoll ikkummentat illi:

»Il-Gvern irid jara, però, li din il-leġislazzjoni fl-interess ġenerali taċ-ċittadin ma toħloqx piż żejjed fuq sid partikolari għax dan, bħala s-sid tal-proprjetà, għandu dritt għal kumpens ġust għall-użu soċjali li l-Gvern irid jagħmel mill-proprjetà tiegħu. Hu obbligu tal-Gvern li joħloq bilanċ ġust bejn l-interess taċ-ċittadin li jkollu fejn jgħammar, u l-interess tas-sid li jieħu gwadan ġust mill-proprjetà tiegħu. Jekk il-Gvern sejjer hu jimponi residenza ġo fond, irid joħloq mekkaniżmu biex jara li l-interess tas-sid ma jkunx ippreġudikat.

»...

»F'dan il-każ, il-mekkaniżmu li ħoloq il-Gvern iwassal għall-kumpens li hu ferm 'il bogħod mill-kumpens li tkun intitolata għalih ir-rikorrenti kieku tħalliet tpoġġi l-appartament tagħha għal kera fis-suq. Kwindi, il-mekkaniżmu li ħoloq il-Gvern, f'dan il-każ, falla u ma tax riżultat li jirrispekja d-dritt jespropria art fl-interess pubbliku, basta joffri kumpens ġust għal dak it-teħid, hekk ukoll jekk, fl-interess nazzjonali, iħoss li jrid jintervjeni fl-użu li jsir minn proprjetà ta' terzi, irid jara li ċ-ċittadin privat ma jiġix ippreġjudikat, u li jingħata kumpens xieraq għall-użu impost. L-aspett soċjali ta' liġi trid tiġi evalwata mill-Gvern, u *sta* għall-Gvern jara li liġi, applikabbli *erga omnes,* twassal għall-konsegwenzi mixtieqa, però fejn se jiġu aġġevolati klassi ta' persuni

f'sitwazzjoni partikolari, il-Gvern irid jara li ma tbatix klassi oħra ta' ċittadin, u hawn il-ħtieġa ta' bilanċ ġust.

»Jinkombi fuq il-Gvern li joħloq mekkaniżmu li f'kull każ iwassal għal bilanċ ġust, u għall-fini ta' dan il-każ din il-qorti tara li l-Gvern ma pprovdiex għas-sitwazzjoni fejn il-kumpens ikun baxx wisq, u lanqas għas-sitwazzjoni fejn l-okkupant, li jrid jipprevalixxi ruħu mil-liġi, ikun hu sid ta' proprjetà oħra. F'dan il-każ, it-tħaddim tal-mekkaniżmu ta vantaġġ lill-konjuġi Bajada u dan bid-dritt (i) li jibqgħu fl-appartament b'mod indefinit; (ii) li jħallsu kera ta' kważi €500 fis-sena, meta l-valur lokatizzju tal-fond ġie stmat mill-perit inkarigat mill-attriċi li hu €7,000 fis-sena; u (iii) meta għandhom proprjetà oħra żgur fi Triq Ellul Mercer, Sliema ... u fi Triq Villambrosa, Ħamrun. ... Fil-mekkaniżmu li ħoloq il-Gvern ma hemm ebda *safeguard* kontra dawn l-inġustizzji, u jħalli lil sid il-fond ibati l-konsegwenzi ta' dawn ir-riżultanzi. Dan mhux ġust, u jwassal lir-rikorrenti ssofri leżjoni fid-dritt tagħha ta' proprjetà kif protett fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.«

8. Fis-6 ta' Frar 2015, l-attriċi fetħet il-kawża tallum b'talba illi l-qorti:

»i. tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nuqqas da parti tal-onorevoli Prim Ministru u tal-onorevoli Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li jipprovdu rimedju effettiv ta' kumpens għall-privazzjoni tagħha mill-fond in kwistjoni proprjetà tagħha għas-snin segwenti l-2012 għadu qiegħed jilledi d-dritt tagħha għal rimedju effettiv *ai termini* tal-artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta], id-dritt tagħha għal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens *ai termini* tal-artikolu 37(1)(*a*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll id-dritt tagħha għat-tgawdija paċifika tal-possediment tagħha *ai termini* tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt tagħha ta' sodisfazzjon xieraq *ai termini* tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

»ii. tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nuqqas da parti tal-onorevoli Prim Ministru u tal-onorevoli Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li jipprovdu rimedju effettiv sabiex l-esponenti tkun tista' tivvanta l-pretensjonijiet tagħha għall-kumpens bil-mod kif iddelinejat fl-artikoli 37(1)(*b*) u (*ċ*) jew b'xi rimedju ideoneju ieħor, qiegħed jilledi d-drittijiet tagħha għal smigħ xieraq *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll *ai termini* tal-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta];

»iii. tiddikjara u tiddeċiedi li l-użu u l-okkupazzjoni tal-proprjetà tal-esponenti mill-intimati Brian u Cecilia konjuġi Bajada u / jew in-nuqqas da parti tal-istess intimati milli jħallsu lill-esponenti kumpens xieraq għat-telf kollu soffert u li għadu jrid jiġi soffert minnha minħabba l-użu u l-okkupazzjoni minnhom tal-proprjetà tagħha, qegħdin jilledu id-dritt tagħha għal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla jumpens *ai termini* tal-artikolu 37(1)(*a*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll id-dritt tagħha għat-tgawdija paċifika tal-possediment tagħha *ai termini* tal-artikolu 1

tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt tagħha ta' sodisfazzjon xieraq *ai termini* tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

»iv. tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nuqqas da parti tal-onorevoli Prim Ministru u tal-onorevoli Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li jersqu għal ftehim sabiex jiġi rregolat il-kumpens xieraq dovut lill-esponenti għal kull sena oħra futura illi fiha l-istess appartament proprjetà tal-esponenti jibqa' jiġi okkupat mill-intimati Brian u Cecilia konjuġi Bajada qiegħed jilledi d-dritt tagħha għal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens *ai termini* tal-artikolu 37(1)(*a*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll id-dritt tagħha għat-tgawdija paċifika tal-possediment tagħha *ai termini* tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt tagħha ta' sodisfazzjon xieraq *ai termini* tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

»v. tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi, inkluż jekk ikun hemm il-ħtieġa li tiġi dikjarata nulla jew inapplikabbli fil-każ in eżami l-liġi, inkluż l-art. 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta *in parte* jew *in toto*, u konsegwentement l-iżgumbrament tal-intimati konjuġi Bajada mill-appartament in kwistjoni u dan b'riżerva għall-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti mill-esponenti bħala konsegwenza ta' dan.

9. Il-konvenuti Bajada ressqu eċċezzjoni ta' *res iudicata*, fost eċċezzjonijiet oħra.

10. Fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016 quddiem l-ewwel qorti il-konvenuti li jidhru f'isem il-Gvern ta' Malta ressqu wkoll, b'żjieda mal-eċċezzjonijiet li kienu ressqu fit-tweġiba tagħhom, eċċezzjoni ulterjuri ta' *res iudicata* dwar il-ħames talba tal-attriċi.

11. Fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2016 il-konvenut Brian Bajada talab lill-qorti sabiex tagħti sentenza dwar l-eċċezzjoni tar-res *judicata*. Din it-talba ġiet milqugħa fl-istess seduta.

12. L-ewwel qorti ddeċidiet dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata* kif ġej:

»… … ... il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati u ssib illi l-azzjoni attriċi hija milquta

mill-ġudikat maħluq bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2012 fil-kawża fl-ismijiet Angela *sive* Gina Balzan *v.* l-Onorevoli Prim Ministru *et* u teħles lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju safejn l-azzjoni attriċi hija milquta mill-imsemmi ġudikat.

»Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi. «

13. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-qorti ssib illi n-nuqqas tal-Gvern milli jipprovdi rimedju effettiv ta' kumpens kif ukoll mekkaniżmu sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tivvanta l-pretensjonijiet tagħha għall-kumpens skont l-artikolu 37(1)(*b*) u (*ċ*) tal-Kostituzzjoni, għall-privazzjoni tal-proprjetà tagħha f'San Ġiljan għadu qiegħed jilledi d-dritt tagħha għal rimedju effettiv, għall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà mingħajr kumpens, għal sodisfazzjon xieraq u dritt tagħha għal smigħ xieraq *ai termini* tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

»Hija qiegħda titlob ukoll illi l-qorti ssib li l-okkupazzjoni tal-proprjetà tagħha mill-konjuġi Bajada mingħajr kumpens xieraq kif ukoll it-telf kollu li sofriet u li għadha trid issofri minħabba din l-okkupazzjoni jilledu l-istess drittijiet fundamentali tagħha. Finalment hija qiegħda titlob dikjarazzjoni li n-nuqqas tal-Gvern milli jersaq għal ftehim sabiex jiġi regolat il-kumpens xieraq dovut lilha għaż-żmien kollu li l-konjuġi Bajada jibqgħu jokkupaw il-proprjetà tagħha wkoll jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha surriferiti.

»Bħala rimedju, hija qiegħda titlob lill-qorti tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi, inkluż, jekk ikun il-każ, li jiġi dikjarat null jew inapplikabbli fil-każ in eżami l-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż l-artikolu 12A li taħtu l-konjuġi Bajada qegħdin jivvantaw it-titolu tagħhom fuq il-proprjetà in kwistjoni u konsegwentement l-iżgumbrament tal-konvenuti konjuġi Bajada minn din il-proprjetà.

»L-intimati konjuġi Bajada jeċċepixxu preliminarjament illi t-talbiet attriċi huma kollha milquta bil-ġudikat filwaqt illi l-intimati l-oħra jeċċepixxu li hija l-ħames talba attriċi li hija hekk milquta.

»Jirriżula illi l-attriċi hija s-sub-direttarja tal-fond numru wieħed, Blokk A, *St Julians' Court*, Triq Manwel Dimech, San Ġiljan. Dan il-fond huwa okkupat mill-intimati konjuġi Bajada bis-saħħa tal-artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tal-imsemmi artikolu, il-konjuġi Bajada ngħataw il-jedd li jkomplu jokkupaw dan il-fond b'titolu ta' kera *nonostante* l-fatt illi s-sub-ċens għalaq fis-sena 2002. Skont it-tħaddim tal-imsemmi artikolu, il-kera li għandha titħallas lill-attriċi għall-ewwel ħmistax-il sena wara li għalaq is-sub-ċens fis-sena 2002 jammonta għal €490.59 fis-sena.

»In kwantu li l-attriċi dehrilha li l-artikolu sopraċitat jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha peress li hija prekluża milli tirriprendi l-pussess vakanti tal-fond tagħha fi tmiem l-enfitewsi, u dan mingħajr ma qiegħda titħallas kumpens adegwat, hija pproċediet quddiem din il-

qorti diversament presjeduta permezz ta' rikors intavolat kontra l-istess intimati. F'din il-kawża fit-12 ta' Frar 2008 fejn talbet lill-Qorti:

> »"tiddikjara li bil-fatti hawn fuq esposti ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għall-proprjetà, għan-non diskriminazzjoni u għas-smigħ xieraq u dan kif protetti kemm bl-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja (art 6, 14 tal-Konvenzjoni u / jew art 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess) u kif ukoll tal-Kostituzzjoni ta' Malta (senjatament l-artikoli 38, 39, u / jew 45, rispettivament), u konsegwentement tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi, inkluż jekk ikun hemm il-ħtieġa li tiġi dikjarata nulla jew inapplikabbli fil-każ in eżami l-liġi, inkluż l-art. 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta *in parte* jew *in toto*, u konsegwentement l-iżgumbrament tal-intimati Brian u Cecilia konjuġi Bajada mill-appartament in kwistjoni u dan b'riżerva għall-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti mill-esponenti bħala konsegwenza ta' dan."

»Permezz ta' sentenza datata 11 ta' Ottubru 2011, din il-qorti diversament presjeduta ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, iddikjarat illi l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 għall-proprjetà tal-attriċi tikser il-jeddijiet tagħha mħarsa taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u, filwaqt li ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għall-iżgumbrament tal-konjuġi Bajada, bħala rimedju l-qorti qalet illi l-konjuġi Bajada ma jistgħux jinqdew bl-artikolu tal-liġi msemmi sabiex jilqgħu għal kull azzjoni li tagħmel l-attriċi bl-għan li tikseb l-iżgumbrament tagħhom.

»Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-ewwel qorti billi, filwaqt li kkonfermat fejn l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet attriċi għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u ddikjarat illi l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 għall-proprjetà tal-attriċi tikser il-jeddijiet tagħha mħarsa taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, irrevokat is-sentenza fejn l-ewwel qorti qalet illi l-konjuġi Bajada ma jistgħux jinqdew bl-artikolu msemmi sabiex jilqgħu għal kull azzjoni li tagħmel l-attriċi bl-għan li tikseb l-iżgumbrament tagħhom u, minflok, bħala rimedju għall-ksur subit mill-attriċi, ordnat lill-intimati l-oħra rappreżentanti l-Gvern ta' Malta jħallsu *in solidum* bejniethom is-somma ta' €60,000 lill-attriċi bħala kumpens talli ġie leż id-dritt tagħha ta' proprjetà kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea.

> »Kif diġà ngħad din is-sentenza hija limitata għall-eċċezzjoni tal-ġudikat imressqa mill-intimati. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna li sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni, iridu jikkonkorru tliet elementi li huma: *eædem personæ* (l-istess partijiet), *eadem res* (l-istess oġġett) u *eadem causa petendi* (l-istess mertu). … … …

»Fir-rigward tal-element tal-*eadem personae,* il-qorti ssib illi dan l-element jissussisti. … … …

»… … …

»Rilevanti għall-kawża tal-lum hija s-sentenza ta' din il-qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Ines Calleja *v.* Il-Kummissarju tal-Artijiet *et*, deċiża fil-5 ta' Ġunju 2014 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2015 fejn ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-ġudikat imressqa mill-awtorità intimata.

»L-attriċi f'dik il-kawża kienet talbet lill-qorti ssib illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħha peress illi l-intimati f'dik il-kawża naqsu milli jagħmlu dak illi ġew ordnati li jagħmlu permezz ta' sentenza preċedenti ta' dik il-qorti datata 5 ta' Mejju 2009 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Frar 2011.

»Din il-qorti tirreferi għal dak li rriteniet sabiex tirriproduċi s-segwenti bran tal-ewwel qorti fil-5 ta' Ġunju 2014 u li huwa rilevanti għall-kawża tal-lum:

»"… … …

»Illi l-kwestjoni li jifdal hi dwar jekk huwiex minnu, kif tallega l-awtorità intimata, li hemm ukoll l-element tal-*eadem causa petendi*. Kif ingħad, ir-rikorrenti jisħqu li dan ma jista' qatt ikun għaliex jgħidu li dak li qiegħed jikkawżalhom il-ksur tal-jeddijiet fundamentali minnhom indikati fir-rikors promoltur seħħ wara li kienet ingħatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali u għalhekk ma setax kien kompriż u miġbur fl-istess sentenza.

»… … … Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat mal-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispositiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintgħamlu u li jwasslu għal dik is-sentenza.

»Illi f'dan ir-rigward, il-qorti tqis li biex tabilħaqq jista' jingħad jekk hemmx identità tal-oġġett tal-kawża bejn l-ewwel kawża maqtugħa b'sentenza u l-kawża li fiha titqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat, wieħed irid jeżamina jekk il-kwestjoni li tiġi sollevata bit-tieni domanda ġietx jew le ġà deċiża bil-ġudikat preċedenti; fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel, jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallietx dak il-punt impreġudikat.

»Illi l-qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat.

»Illi din il-qorti tqis li huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-liġi tipprovdi li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għal-hekk li jingħad li d-dispositiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma għandu jiġi minn dan definit u spjegat.

»Illi minbarra dan, illum huwa aċċettat ukoll li l-ġudikat ma jiġix nieqes jekk kemm-il darba jkun seħħ xi bdil ta' xi ċirkostanza wara li tkun ingħatat is-sentenza li saret ġudikat, ladarba l-fatti, l-ilment u t-talbiet tat-tieni kawża jibqgħu l-istess. Hekk, per eżempju, jgħodd xorta waħda l-element tal-ġudikat fejn, wara l-

għoti ta' sentenza li saret ġudikat, tinbidel il-ġurisprudenza dwar liġi li tkun tqieset f'dik is-sentenza.

»Illi fuq kollox, meta tingħata sentenza, l-effikaċja tagħha tgħodd u torbot ukoll għaż-żmien ta' wara li tkun ingħatat u sakemm ma jkunx hemm bdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li jagħti lok għal kambjament fl-oġġett mertu tal-kawża, ma jistax jingħad li l-effetti ta' dik is-sentenza li tkun saret ġudikat ikunu tabilħaqq inġabu fix-xejn."

»… … … din il-qorti hija tal-fehma li dawn iż-żewġ elementi tal-*eadem res* u *eadem causa petendi* wkoll huma sodisfatti għaliex dak li qiegħed jintalab f'din il-kawża huwa effettivament l-istess li ntalab fis-sentenza preċedenti u l-fatt ġuridiku li fuqu huwa bbażat id-dritt pretiż mill-attriċi wkoll huwa l-istess.

»Jirriżulta lil din il-qorti li l-lanjanzi tar-rikorrenti f'din il-kawża huma bbażati fuq l-istess kwistjoni li fuqha huma bbażati dawk tal-kawża ta' qabilha, u *cioè* li hija tinsab imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħha mingħajr ma qiegħed jitħallas lilha kumpens xieraq. L-ilmenti tagħha li l-konjuġi Bajada qegħdin jokkupaw il-proprjetà tagħha mingħajr ma jħallsu kumpens adegwat u li l-Gvern naqas milli jipprovdi rimedju sabiex jikkoreġi din l-inġustizzja, ġew diskussi fil-kawża preċedenti u xejn ma nbidel minn dak inhar. Għaldaqstant, huwa ċar li l-kawżali formanti l-bażi taż-żewġ azzjonijiet ukoll hija effettivament identika.

»Isegwi li t-talbiet attriċi huma milquta bil-ġudikat għaliex hija qiegħda titlob rimedju għall-istess ksur ibbażat fuq l-istess kawżali kkunsidrati fl-ewwel sentenza – in-nuqqas tal-Gvern milli jżomm bilanċ bejn l-interess privat u l-interess soċjali in kwantu li ma ġiex maħluq mekkaniżmu sabiex jikkoreġi dan l-iżbilanċ. Fil-fatt, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012 ibbażat id-deċiżjoni tagħha proprju fuq dan in-nuqqas tal-Gvern:

> »"Il-Gvern irid jara, però, li din il-leġislazzjoni fl-interess ġenerali taċ-ċittadin ma toħloqx piż żejjed fuq sid partikolari għax dan, bħala s-sid tal-proprjetà, għandu dritt għal kumpens ġust għall-użu soċjali li l-Gvern irid jagħmel mill-proprjetà tiegħu. Hu obbligu tal-Gvern li joħloq bilanċ ġust bejn l-interess taċ-ċittadin li jkollu fejn jgħammar, u l-interess tas-sid li jieħu gwadan ġust mill-proprjetà tiegħu. Jekk il-Gvern sejjer hu jimponi residenza ġo fond, irid joħloq mekkaniżmu biex jara li l-interess tas-sid ma jkunx ippreġudikat."

»Il-qorti kompliet billi qalet li f'dan il-każ il-mekkaniżmu li ħoloq il-Gvern falla, u, għal dan, il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet il-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti bħala *just satisfaction.*

»Madanakollu, il-fatt illi l-Gvern baqa' qatt ma introduċa mekkaniżmu sabiex jikkorreġi l-preġudizzju li qiegħda ssofri l-attriċi, in kwantu għadha ma tistax tieħu lura l-proprjetà tagħha jew titħallas kera ogħla mingħand l-okkupanti konjuġi Bajada, ma jfissirx illi kien hemm xi bdil radikali fiċ-ċirkostanzi li minħabba fih jista jerġa jinfetaħ id-dibattitu b'*eadem causa petendi* ġdida.

»Fil-fehma tal-qorti, ir-rikorrenti ressqet din il-kawża mill-ġdid għaliex m'hijiex sodisfatta bir-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012. Dan ir-rimedju, u *cioè* kumpens, ingħata proprju għaliex il-qorti sabet illi r-rikorrenti ġarrbet

ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha minħabba n-nuqqasijiet tal-Gvern, liema nuqqasijiet, kif dià ntqal, huma l-istess li qiegħda tilmenta dwarhom fil-kawża tal-lum. Ma jistax jingħad illi l-effetti tas-sentenza li saret ġudikat inġabu fix-xejn sempliċiment għaliex da parti tiegħu l-Gvern ma għamel xejn sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

»Raġunament xort'oħra jwassal sabiex kull persuna li tħoss illi r-rimedju li tkun ingħatat mill-Qorti Kostituzzjonali mhuwiex biżżejed sabiex tirrimedja l-ksur li tkun qiegħda ġġarrab, tkun libera tiftaħ kawża mill-ġdid sabiex terġa' titlob rimedju għall-istess ksur li jirriżulta mill-istess kwistjoni li tkun il-mertu tal-kawża preċedenti.

»Għalhekk jirriżulta li dak kollu li qiegħed jiġi mitlub fil-kawża tal-lum huwa proprju dak diskuss fis-sentenza preċedenti li kienet tirrigwarda l-istess oġġett u l-istess mertu tal-kawża tal-lum b'dan illi ċertament ma jistax jingħad illi l-*eadem res* u l-*eadem causa petendi* f'dan il-każ huma differenti.

»Finalment, għandu jingħad illi l-aħħar talba attriċi u *cioè* fejn bħala rimedju qiegħed jintalab li jiġi dikjarat null jew inapplikabbli l-artikolu 12A tal-Kap. 158 kif ukoll l-iżgumbrament tal-konjuġi Bajada, hija kelma b'kelma fost dak li ntalab fil-proċeduri preċedenti u ċertament li din it-talba hija wkoll milquta bil-ġudikat.

»In kwantu li l-qorti jirriżultalha li l-elementi kollha tal-ġudikat jissussistu fil-kawża tal-lum, din l-eċċezzjoni qiegħda tintlaqa'.«

14. L-attriċi appellat b'rikors tal-10 ta' Marzu 2017 li għalih il-konvenuti Brian u Cecilia Bajada wieġbu fit-23 ta' Marzu 2017 u l-konvenuti l-oħra wieġbu fit-3 t'April 2017.

15. L-attriċi fissret l-aggravji tagħha hekk:

»1. <u>Ir-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012</u>

»Illi l-esponenti hija tal-umli fehma li l-għerq tal-aggravju prinċipali tagħha huwa d-diverġenza bejn dak li hija qiegħda tqis li kien ir-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012, u dak li l-ewwel qorti tqis li kien dan l-istess rimedju;

»Illi sa mill-bidu tal-proċeduri odjerni, l-esponenti dejjem kienet qiegħda tikkunsidra li r-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012 għal-leżjoni tad-drittijiet tal-esponenti mħarsa taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, kien maqsum fuq żewġ binarji:

»(i) Fl-ewwel lok, dik il-qorti llikwidat is-somma ta' €60,000 li kellha titħallas lill-esponenti mill-Gvern bħala sodisfazzjon xieraq *ai termini* tal-Artikolu 41 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

»(ii) Fit-tieni lok, għamlet rakkomandazzjoni ċara lill-Gvern u qiegħdet obbligu fuqu li jirrevedi l-mekkaniżmu maħluq minnu taħt l-artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta li kemm l-esponenti u kif ukoll l-ewwel qorti għamlu riferenza għaliha, u l-istess qorti ċċitat bil-mod segwenti:

> »"Il-Gvern irid jara, però, li din il-leġislazzjoni fl-interess ġenerali taċ-ċittadin ma toħloqx piż żejjed fuq sid partikolari għax dan, bħala sid tal-proprjetà, għandu dritt għall-kumpens ġust għall-użu soċjali li l-Gvern irid jagħmel mill-proprjetà tiegħu. Hu obbligu tal-Gvern li joħloq bilanċ ġust bejn l-interess taċ-ċittadin li jkollu fejn jgħammar, u l-interess tas-sid li jieħu gwadan ġust mill-proprjetà tiegħu. Jekk il-Gvern sejjer hu jimponi residenza ġo fond, irid joħloq mekkaniżmu biex jara li l-interess tas-sid ma jkunx ippreġudikat";

»Illi min-naħa l-oħra, mill-parti suċitata u enfasizzata mill-esponenti tas-sentenza appellata, jidher li da parti tagħha l-ewwel qorti tqis li r-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012 kien limitat għal kumpens, u ma jestendix ukoll għal din ir-rakkomandazzjoni li jsiru emendi fil-liġi;

»Illi paradossalment, jidher li l-ewwel qorti tqis li l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni mill-Gvern kellha tkun konsegwenza naturali tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2012, iżda minkejja li l-Gvern "m'għamel xejn" l-istess sentenza fiha nfisha ma toffrix rimedju lill-esponenti sabiex tenforza din ir-rakkomandazzjoni;

»Illi fil-fatt, jidher li abbażi ta' din is-supposizzjoni l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni li l-esponenti mhijiex sodisfatta bir-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012, u għalhekk li ressqet il-proċeduri odjerni;

»Illi l-esponenti hija tal-umli fehma li għandu jirriżulta ċar kemm mir-rikors promutur tagħha u kif ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet sussegwenti kif redatti li l-posizzjoni tal-esponenti f'dan ir-rigward hija dijametrikament opposta għal dik li kkonkludiet l-ewwel qorti, u għalhekk l-esponenti hija partikolarment aggravata b'din il-konklużjoni;

»Illi fil-fatt l-esponenti ressqet il-proċeduri odjerni proprjament fuq l-iskorta tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2012, il-portata ta' liema sentenza kienet għal kollox favorevoli għall-esponenti billi permezz tagħha l-istess qorti rrakkomandat ir-rimedju ideali, cjoè li l-Gvern jagħmel l-ementi neċessarji għal liġi leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem sabiex b'hekk ixejjen mhux biss il-vjolazzjoni tal-jeddijiet tal-esponenti li kienet qiegħda tiġi trattata f'dawk il-proċeduri partikolari, iżda wkoll il-vjolazzjonijiet kollha kkawżati mill-istess liġi;

»Illi tabilħaqq, u limitatament sabiex din l-onorabbli qorti jkollha stampa ċara tas-sitwazzjoni li tinsab fiha l-esponenti, jiġi rilevat li, kif jirriżulta mir-rikors promutur, apparti l-appartament mertu tal-kawża odjerna, l-esponenti għadha sal-lum imċaħħda mit-tgawdija paċifika tal-possediment ta' żewġ appartamenti oħra proprjetà tagħha ġewwa l-istess blokka bl-isem ta' *St Julian's Court*, proprju minħabba l-mekkaniżmu fallut li jeżisti taħt l-artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Illi konsegwentement għandu jirriżulta paċifiku li r-rimedju rakkomandat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012 kien addirittura iktar prattiku u effikaċi għall-esponenti għaliex kellu joħloq sitwazzjoni iktar ekwa u ġusta anke f'dak li jirrigwarda proprjetajiet oħra tagħha, u ma kinitx tkun kostretta li tiftaħ proċeduri individwali sabiex jiġu ri-affermati d-drittijiet tagħha fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet ukoll, kif fil-fatt kellha tagħmel;

»Illi kien proprju sabiex tenforza l-pretensjoni tagħha li l-Gvern jaderixxi mal-enunċjazzjonijiet ta' l-ogħla qorti ta' Malta li l-esponenti ppreżentat ukoll il-protest ġudizzjarju ta' l-4 t'Ottubru 2013, u sussegwentement, kienet kostretta tippreżenta il-proċeduri odjerni;

»Illi għalhekk ċertament m'huwiex il-każ li l-esponenti qiegħda "tipproponi l-istess domanda biex tinnewtralizza deċiżjoni preċedenti billi ġġib 'il quddiem raġunijiet jew provi li kienet taf bihom, u li setgħu u messhom inġiebu fil-kors tal-proċess l-ieħor", jew diversement qiegħda tipprova "tannulla jew tillimita l-effett ta' l-istess ġudikat", kif donnu qiegħda timplika l-ewwel qorti;

»Illi l-esponenti tisħaq li meta fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali ma waqfitx mal-likwidazzjoni ta' sodisfazzjon xieraq għall-esponenti, iżda żiedet ukoll ir-rakkomandazzjoni suċitata, hija mhux biss tat rimedju, iżda ħolqot pretensjoni leġittima għall-esponenti li l-Gvern għandu jirreaġixxi b'mod attiv u kostruttiv għal dik ir-rakkomandazzjoni, mill-inqas fil-konfront tagħha, jekk mhux ukoll fil-konfront taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha;

»Illi l-esponenti tinsisti wkoll li l-fatt waħdu li l-Gvern m'aġixxiex fuq ir-rakkomandazzjoni tal-qorti fi żmien raġjonevoli huwa leżiv mhux biss għad-dritt tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà tagħha mħares taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda wkoll għad-dritt tagħha għal rimedju effettiv *ai termini* tal-artikolu 13 tal-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, punt li fil-fatt qatt ma tqajjem fil-proċeduri li wasslu għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 2012, iżda li dwaru qiegħda tintalab dikjarazzjoni *tramite* l-ewwel talba kif dedotta fil-proċeduri odjerni;

»ILLI ż-żewġ paragrafi preċedenti jesponu r-raġunijiet fis-suċċint għaliex l-esponenti hija tal-umli fehma li l-elementi ta' *eadem causa petendi* u *eadem res* ma jikkonkorrux bejn il-proċeduri odjerni u l-proċeduri ntavolati permezz tar-rikors promutur bin-numru 15/2008 GCD u deċiżi finalment permezz tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 2012. A skans ta' ripetizzjoni, f'dan ir-rigward l-esponenti tagħmel riferenza għan-nota tas-sottomissjonijiet tagħha fil-proċeduri quddiem l-ewwel qorti fejn ittrattat dan il-punt f'iktar dettall;

»ILLI b'kull rispett, l-esponenti tissottometti wkoll li s-somiljanza li donnha tara l-ewwel qorti bejn il-proċeduri odjerni u dawk fl-ismijiet <u>Ines Calleja *v.* Kummissarju tal-Artijiet</u> *et* deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ġunju 2014 u kkonfermati fl-appell mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2015, hija għal kollox ineżistenti, u dan mhux biss għaliex dawk il-proċeduri jittrattaw esproprju t'artijiet appartenenti lir-rikorrenti da parti tal-Gvern li kellu jwassal għal xiri, waqt li l-proċeduri odjerni jittrattaw proprjetà li legalment għadha u se tibqa' tal-esponenti iżda l-okkupazzjoni tagħha minn terzi ġiet reża legali sussegwente-

ment biss għal intervent leġislattiv da parti tal-Gvern wara snin t'okkupazzjoni llegali;

»Illi fil-proċeduri fl-ismijiet Ines Calleja *v.* Kummissarju tal-Artijiet *et* kemm in prim'istanza u kif ukoll fl-istadju t'appell, ir-rikorrenti b'mod evidenti għall-aħħar tipprova tattakka sentenza mogħtija fl-14 ta' Frar 2011 fl-istess ismijiet mill-Qorti Kostituzzjonali billi tallega li ġiet reża "ineffikaċi";

»Ill permezz ta' dik is-sentenza ta' l-14 ta' Frar 2011, l-Qorti Kostituzzjonali kienet allokat lill-Kummissarju tal-Artijiet tliet xhur żmien sabiex jagħmel dak neċessarju fil-liġi biex jintemmu l-proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ għax-xiri tal-artijiet tar-rikorrenti b'titolu assolut, u kkundannat lill-intimati kollha jħallsu lir-rikorrenti danni morali ta' għaxart elef Euro;

»Illi għalhekk mill-ewwel isorġi evidenti li sabiex f'każ bħal dak fl-ismijiet Ines Calleja *v.* Kummissarju tal-Artijiet *et* tiġi elimnata l-vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali u fondamentali tar-rikorrenti, ma kien hemm l-ebda lok għal emendi fil-liġi, u kif tirrimarka l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti saħansitra setgħu għaddew għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-14 ta' Frar *tramite* proċeduri ġudizzjarji li hemm diġà preċedent għalihom, jekk m'humiex ukoll maħsubin fil-liġi;

»Illi min-naħa l-oħra, il-posizzjoni legali tal-esponenti hija dijametrikament opposta għal dik tar-rikorrenti fil-proċeduri fl-ismijiet Ines Calleja *v.* Kummissarju tal-Artijiet *et* u dan hekk kif tkun il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012 li bħala rimedju tir-rakkomanda emendi leġislattivi, bl-implikazzjoni u l-intiża naturali, fil-fehma tal-esponenti, li f'każ li tali emendi ma jsirux, dan minnu nnifsu jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali u fondamentali tal-esponenti, u l-unika rimedju disponibbli għaliha jkun għal darb'oħra li tressaq proċeduri fil-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali;

»Illi tabilħaqq, abbażi ta' dak enunċjat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012, l-argument li fiċ-ċirkostanzi tal-esponenti ma kien hemm l-ebda bidla wara dik l-istess sentenza huwa proprju dak li jelimina l-elementi ta' *eadem res* u *eadem causa petendi* bejn il-proċeduri odjerni u l-proċeduri intavolati permezz tar-rikors promutur bin-numru 15/2008 GCD u deċiżi finalment permezz tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 2012, u dan billi l-intiża tal-qorti kienet evidentement li r-rimedju rakkommandat minnha proprju jwassal għal tali bidla;

»Illi tant kemm hu hekk, li l-Qorti Kostituzzjonali, f'sentenza tagħha mogħtija fil-31 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet AIC Joseph Barbara *et v.* l-Onorevoli Prim Ministru *et* addirittura ddisponiet illi:

> »"[…] jispetta lill-awtoritajiet pubbliċi li fi kwistjonijiet fejn hemm l-interess ġenerali jaġixxu fi żmien utli u b'mod adegwat u konsistenti";

»Illi huwa proprju għalhekk li l-esponenti qatt ma tista' tqis sentenza bħal dik tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fis-7 ta' Diċembru 2012 bħala reża "ineffikaċi" iżda li, kuntrarjament, huwa proprju permezz ta' l-istess sentenza li hija tqiegħdet f'posizzjoni li tista' żżomm il-Gvern responsabbli għall-vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali u fondamentali tagħha sempliċiment għaliex ma ħolqilhiex mekkaniżmu biex

jara li l-interessi tagħha ma jkunux ippreġudikati kif rakkommandat mill-istess qorti;

»Illi billi l-Gvern ma ħoloqx dan il-mekkaniżmu biex jara li l-interessi tagħha ma jkunux ippreġudikati kif rakkommandat mill-Qorti Kostituzzjonali, l-unika alternattiva li tifdal għall-esponenti hija li terġa' tirrikorri għall-qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, liema qorti għandha l-ewwel u qabel kollox l-obbligazzjoni li ma tippermettix "il-kontinwazzjoni ta' stat ta' illegalità", kif deskritt bl-iktar mod iddettaljat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Lulju 2016 fl-ismijiet <u>Rose Borg *v.* Avukat Ġenerali *et;*</u>

»Illi fil-fatt, fis-sentenza ġà ċitata fl-ismijiet <u>AIC Joseph Barbara *et v.* l-Onorevoli Prim Ministru *et,*</u> il-Qorti Kostituzzjonali taċċenna għan-natura kontinwa ta' vjolazzjoni bħal dik li qiegħda tiġi ttrattata fil-proċeduri odjerni bil-mod segwenti:

> »"Sitwazzjonijiet bħal dik tal-lum fejn *si tratta* minn ilmenti ta' vjolazzjoni ta' natura kontinwa tad-drittijiet ta' proprjetà bħala riżultat tat-twettiq ta' liġijiet li jimponu arranġamenti lokatizji fuq is-sidien u li jipprovdu għal ammont ta' kera allegatament inadegwat, ġew ritenuti li jammontaw għal mezz ta' kontroll mill-istat fuq l-użu tal-proprjetà u, inkwantu tali, jaqgħu sabiex jiġu kkunsidrati taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll";

»Illi għalhekk l-esponenti hija tal-umli fehma illi s-sentenza tal-ewwel qorti, inkwantu permezz tagħha ġie deċiż illi hemm *res judicata,* timmerita li tiġi revokata;

»2. <u>Il-kumpens likwidat mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012</u>

»Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, l-esponenti hija tal-umli fehma li l-mod kif il-Qorti Kostituzzjonali ppronunċjat ruħha dwar il-kumpens minnha llikwidat isostni wkoll dak kollu diġà espost mill-esponenti;

»Illi wara li tikkonkludi li, apparti r-rakkomandazzjoni tagħha, ir-rimedju tal-esponenti għandu jkun ta' kumpens kif jipprovdi l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, hija tgħid is-segwenti:

> »"Din il-qorti ma tistax tagħti ordni li twassal, wisq probabbli, għat-tkeċċija tal-konjuġi Bajada mill-fond inkwistjoni, meta l-protezzjoni infisha mogħtija mill-Gvern mhux leżiva għad-drittijiet tas-sid"

»iżda fil-paragrafi ta' wara hija tikkonkludi li:

> »"[…] peress li fl-istess liġi jeżistu nuqqasijiet proċedurali biex jinħoloq bilanċ ġust, irid jingħata kumpens adegwat lis-sid ħalli "jinħoloq" dan il-bilanċ.
>
> »Meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, fosthom li r-rikorrent ilha mill-2002 ma tieħu kumpens adegwat għall-użu li qed isir tal-fond mill-konjuġi Bajada, din il-qorti tara li lir-rikorrenti għandha tingħata mill-Gvern is-somma ta' €60,000 bħala *just satisfaction*";

»Illi l-esponenti hija tal-umli fehma li, meta l-Qorti Kostituzzjonali għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet, hija kienet qiegħda taċċenna għan-natura kontinwa tal-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà tal-esponenti, kif diġà deskritta fis-sentenza suċitata, u konsegwentement

il-kumpens ta’ €60,000 kellu jkopri biss il-perjodu mill-2002 sa l-2012 magħduda;

»Illi huwa evidenti li l-bilanċ li jrid “jinħoloq” tramite dan il-kumpens, ossija *just satisfaction,* jekk huwiex ta’ natura pekunjarja jew ta’ natura morali, l-esponenti jibqa’ jkollha dritt għalih sakemm il-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà tagħha titneħħa, u dment li tkun għada tissussisti l-istess vjolazzjoni u l-Gvern ma jkun ipprovda l-ebda rimedju ieħor kif rakkomandat mill-Qorti Kostituzzjonali, tkun biss dik qorti ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tkun tista’ tordna l-ħlas ta’ dan il-kumpens;

»Illi dan kollu l-esponenti tissottomettieħ waqt li tirrileva wkoll li, minkejja l-limitazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali donnu imponiet fuqha nnifisha dwar il-possibiltà li toffri l-iżgumbrament tal-okkupanti tal-fond mertu tal-proċeduri odjerni permezz tas-sentenza tas-7 ta’ Diċembru 2012, sussegwentement, kien hemm bosta istanzi fejn qrati ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali kkonkludew li fil-fatt setgħu jagħtu ordnijiet li jwasslu għat-tkeċċija ta’ persuni li l-okkupazzjoni tagħhom kienet qiegħda tivvjola d-drittijiet tal-proprjeta’ tas-sidien tal-proprjeta’ in kwistjoni, fosthom fis-sentenzi ġà ċitati Rose Borg *v.* Avukat Ġenerali *et* u AIC Joseph Barbara *et v.* l-Onorevoli Prim Ministru *et;*

»Illi madanakollu, l-esponenti xorta hija tal-fehma li ma setgħet qatt kienet l-intiża tal-Qorti Kostituzzjonali li jibqgħu jiġu vvjolati d-drittijiet tagħha *ad infinitum* mingħajr ma hija tingħata xi forma ta’ kumpens jew rimedju ieħor kif prospettat mill-istess Qorti fir-rakkomandazzjoni tagħha, u dan kuntrarjament għal dak li donnu kkonkludiet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata;

»Illi fil-fatt l-esponenti ssostni li jekk is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta’ Diċembru 2012 tingħata l-interpretazzjoni li qiegħda tattribwixxi għaliha l-ewwel qorti, dan mhux biss se jkompli jaggrava l-vjolazzjoni tad-drittijiet sofferti minnha, iżda se jdgħajjef l-istituzzjoni ġudizzjarja billi jistultifika lill-qrati ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali milli jintervjenu, dejjem sa fejn tippermettilhom il-liġi, meta l-Gvern jipperpetwa stat ta’ llegalità billi jinjora r-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

»Illi għalhekk ukoll l-esponenti hija ta’ l-umli fehma illi s-sentenza tal-ewwel qorti, inkwantu permezz tagħha ġie deċiż illi hemm *res judicata,* timmerita li tiġi revokata;«

16. Il-konvenuti Brian u Cecilia Bajada wieġbu hekk:

»Is-sentenza appellata tas-7 ta’ Diċembru 2012 hija ġusta u timmerita konferma.

»Saret riferenza mill-esponenti għas-sentenza John Camilleri *v.* Avukat Ġenerali tal-25 ta’ Jannar 2013, fejn din l-onorabbli qorti (kif presjeduta) tat interpretazzjoni tal-*eadem res*; għalhekk l-ewwel onorabbli qorti kienet korretta.

»L-esponenti fi kwalunkwe każ, għal dak li jirrigwarda lilhom, qed jingħad li ma għamlu xejn biex tiġi osservata dik il-parti tas-sentenza tas-7 ta’ Diċembru 2012 fejn din l-onorabbli qorti kienet għamlet rakkomandazzjoni lill-istat li jsib il-bilanċ neċessarju bejn id-diversi interessi tal-komunità u taċ-ċittadin sid. Huwa manifest li tali rakkomandazzjoni saret lill-Istat u mhux lill-esponenti.

»Għandu jingħad li l-esponenti la huma "l-Istat" taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni Ewropea, li fil-*guidelines* tagħha tagħmilha ċara li l-ebda applikazzjoni ma tibda tiġi mistħarrġa meta l-ilment ikun kontra ċittadin privat u mhux kontra stat.

»Fil-każ in eżami mbagħad kull kwestjoni fejn iddaħħlu huma biex iwieġbu hija magħluqa. Huma ġew ċertifikati mill-Qorti Kostituzzjonali li ma kisru l-ebda dritt fondamentali ta' ħadd, u għalhekk is-sens komun, apparti l-liġi, jgħidlek li *res judicata*.«

17. Il-konvenuti li jidhru għall-Gvern ta' Malta wieġbu hekk għar-rikors tal-appell tal-attriċi:

»... … … l-appell odjern ma huwiex ibbażat fuq raġunijiet fundati la fil-fatt u lanqas fid-dritt u dan prinċipalment għaliex dawn iż-żewġ raġunijiet [li tat l-attriċi fir-rikors tal-appell tagħha] ma jiċċentraw xejn ma' dak li jrid jiġi stabbiliet sabiex jista' jiġi konkluż li l-kundizzjonijiet tal-*eadem res* u l-*eadem causa petendi* ma jikkonkorrux bejn il-proċeduri odjerni u l-proċeduri intavolati permezz tar-rikors promotur bin-numru 15/2008 GCD u deċiżi finalment permezz tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 2012.

»Illi kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, inkluż fis-sentenza hawn attakata, l-element tal-*eadem res*:

> »"jinkorpora li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għal talba preċedenti li ġiet determinate minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Il-bażi għal dan ir-rekwiżit hija ċara: sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-qorti, jekk din hi intiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza preċedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċiżjoni preċedenti, din is-similarità mhix ostakolu għal talba ġdida għaliex l-affetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-qrati. Mill-interpretazzjoni li jagħtu d-diversi awturi ta' kif għandha tiġi determinata l-identità tal-oġġett jidher illi l-aħjar mod hu li teżamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attriċi ġietx jew le deċiża minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet ġiex determinat mis-sentenza l-oħra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun ġiet diskussa u deċiża, allura jkun hemm l-identità tal-oġġett. Dwar l-identità tal-ħaġa mitluba hu paċifikament ammess li mhux neċessarju li l-identità tkun assoluta u materjali, iżda biżżejjed l-identità ġuridika";

»Illi minn eżami tal-mertu involut fil-kawża odjerna u dak involut fil-kawża deċiża bis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2012 jirriżulta s-segwenti:

»a. li hemm l-identità tal-oġġett u ċjoè li l-effett tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 jippriva lir-rikorrenti hawn appellanti mill-pussess tal-appartament numru 1 formanti parti minn blokk ta' erba' *flats* u tliet *garages* jew *stores* bla numri, magħrufa bħala Blokk A, u formanti parti minn blokk ta' bini akbar bla numru desinjat *Saint*

*Julians Court*, f'Prince of Wales Road, illum Triq Manwel Dimech, San Ġiljan, u jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti;

»b. li l-lanjanza hawn indirizzata mit-talbiet tar-rikorrenti kienet ġà ġiet eżawrjentement deċiża mill-istess sentenza fuq indikata;

»ċ li l-istess sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 2012 għaddiet in ġudikat;

»Illi għaldaqstant jirriżulta evidenti li r-rekwiżit tal-*eadem res* huwa sodisfatt;

»Illi l-element tal-*eadem causa petendi*:

> "jirrikjedi li '*the cause of the claim*' kontenuta fit-talba l-ġdida tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Il-*causa petendi* hi '*the title on which the demand is based*'
>
> »Illi għalhekk sabiex il-kundizzjoni tal-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuta fit-talba il-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat. Il-ġudikat ma jiġix nieqes minħabba d-diversità ta' motivi tal-*causa petendi*";

»Illi minn eżami tat-talbiet kontenuti fil-proċedura kostituzzjonali odjerna kif paragunat mat-talbiet kontenuti fil-proċeduri kostituzzjonali li ġiet deċiża permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2012, jirriżulta paċifiku li l-istess talbiet indirizzati mir-rikorrenti f'din il-proċedura kostituzzjonali ġew hemm deċiżi b'mod eżawrjenti. Għaldaqstant ir-rekwiżit tal-*eadem causa petendi* wkoll ġie sodisfatt;

»Isegwi għalhekk li l-aggravji mqajjem mir-rikorrenti huwa inammiss-ibbli u għandu jiġi respint, anke għaliex dak konteż mir-rikorrenti li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012 tat tali rakkomandazzjoni lill-Gvern u kumpens għal perjodu limitat kif qed tikkontendi r-rikorrenti ma jistax jitqies mis-sewwa;

»Illi joħroġ evidenti minn tali sentenza li dak li qed tipprospetta r-rikorrenti bħala rakkomandazzjoni hija fil-fatt ir-raġonament applikat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-motivazzjoni tagħha li wasslitha sabiex tiddisponi mill-appell billi tilqgħu f'dik il-parti fejn l-ewwel qorti (sede kostituzzjonali) ddikjarat li l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 għall-proprjetà tal-attriċi msemmija fir-rikors tikser il-jeddijiet tagħha mħarsa taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Li kieku verament il-Qorti Kostituzzjonali tat xi rakkomandazzjoni, din kienet tirriżulta fil-parti disposittiva tas-sentenza u mhux fil-motivazzjoni.

»Illi anke li kieku *dato ma non concesso* jiġi konkluż li ngħatat rakkomandazzjoni, xorta ma tistax loġikament titqies bħala leġittima l-pretensjoni li r-rikorrenti tgħid li nħolqitilha;

»Illi l-istess jingħad fir-rigward tal-kumpens *stante* li min imkien fis-sentenza ma jirriżulta li l-Qorti Kostituzzjonali riedet tillimita il-kumpens sostanzjali ta' €60,000;

> »Illi jekk ir-rikorrenti ħasset li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 2012 ma tatx dak ir-rimedju mixtieq, ma kien hem xejn milli jżomma milli tfittex rimedju quddiem il-qorti ta' Strasbourg. Jekk dan m'għamlitux, ma tistax tilmenta minn xi nuqqas fis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2012;
>
> »Illi l-argument tar-rikorrenti imur kontra l-finalità ta' proċeduri *stante* li jwassal sabiex sentenza ma ssir finali qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien. Dan imur kontra l-prinċipju tar-*res judicata*.
>
> »Kif ġie kemm-il darba rilevat:
>
>> »"L-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku, u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza u li tbiegħes il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilità ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat."«

18. Għandu jiġi preċiżat, qabel xejn, illi, kontra dak li tgħid l-attriċi fir-rikors tal-appell, fost ir-rimedji mogħtija bis-sentenza ta' din il-qorti tas-7 ta' Diċembru 2012 – is-sentenza li fuqha l-konvenuti jsejsu l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* – ma kienx hemm dak li l-qorti "qiegħdet obbligu fuqu [*sc.* fuq il-leġislatur] li jirrevedi l-mekkaniżmu maħluq minnu taħt l-artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta".

19. Għal din ir-raġuni ma hemmx l-analoġija li rat l-ewwel qorti mal-każ ta' Ines Calleja. Fl-ewwel każ ta' Ines Calleja, dak deċiż b'sentenza ta' din il-qorti tal-14 ta' Frar 2011[2], il-qorti laqgħet talba tal-atturi għal dikjarazzjoni li nkisru l-jeddijiet fondamentali tagħhom u, bħala rimedju, *inter alia* tat lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet "żmien ta' tliet xhur … sabiex jagħmel dak li għandu jagħmel min-naħa tiegħu sabiex jintemmu l-proċeduri għax-xiri tal-artijiet b'titolu assolut kif iridu d-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta". Il-Kummissarju tal-Artijiet ma qagħadx għal dik l-ordni u għalhekk l-atturi fetħu kawża

2 Ines Calleja *et v.* Kummissarju tal-Artijiet *et*, rik. 28/2007, Kost. 14 ta' Frar 2011.

oħra[3] u reġgħu talbu dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom u rimedju għal dak il-ksur. Il-qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Fil-kawża odjerna dak li qed jiġi mitlub huwa proprju l-istess vertenzi li dwarhom il-qorti ddeċidiet fis-sentenza preċitata, u *cioè* dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet protetti fl-artikoli preċitati, inkluż l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll talba sabiex ir-rikorrenti jingħataw rimedju fil-forma ta' penali ġornaljera fil-kaz ta' inadempjenza mal-ordni tal-qorti, liema talba, flimkien mal-vertenza rigwardanti l-artikolu 6, kienet diġà tifforma l-meritu tal-kawża finalment deċiża bis-sentenza fuq ċitata tal-14 ta' Frar 2011.
>
> »Għalhekk kif korrettament osservat mill-ewwel qorti dak li qed jiġi invokat fil-kawża odjerna mhuwiex xi tibdil radikali jew sostanzjali li jbiddel l-oġġett tal-kawża, imma biss in-nuqqas tal-kummissarju intimat li jaderixxi mal-ordni mogħtija minnu [*recte*, lilu] minn din il-qorti, b'mod li l-vertenzi sottoposti għall-eżami ta' din il-qorti huma prattikament l-istess vertenzi ġà deċiżi.
>
> »… … …
>
> »… … … il-kaz odjern jittratta dwar l-istess nuqqas amministrattiv da parti tal-kummissarju sabiex jagħti bidu għall-proċess tal-esproprju liema nuqqas kien diġà jifforma l-meritu tal-ewwel kawża u li kien diġà ġie deċiż fis-sentenza preċitata, u għalhekk, kif korrettament sotto-mess mill-awtorità intimata, ir-rikorrenti kellhom jgħaddu għall-esek-uzzjoni tas-sentenza u mhux ifittxu ripetizzjoni tal-eżami tal-vertenzi ġà deċiżi minn din il-qorti.«

20. Fi kliem ieħor, il-fatt ġdid wara s-sentenza fl-ewwel kawża kien biss li l-konvenut ma qagħadx għall-ordni tal-qorti, li kellu jwassal għall-esek-uzzjoni tas-sentenza u mhux għal kawża ġdida fuq l-istess meritu u bl-istess talbiet. F'dak il-każ is-sentenza fl-ewwel kawża setgħet tiġi esekwita għax il-qorti kienet ordnat it-twettiq ta' att amministrattiv – twettiq ta' fatt[4] – u mhux għamlet biss rakkomandazzjoni għal bdil ta' liġi, rakkomandazzjoni li ma hemmx mezz ġudizzjarju għall-esek-uzzjoni tagħha[5]. Għalhekk il-konsiderazzjonijiet li wasslu biex tintlaqa'

---

[3] <u>Ines Calleja et *v.* Il-Kummissarju tal-Artijiet et</u>, rik. 14.2014, Kost. 27 ta' Marzu 2015.

[4] Art. 222 K.O.P.Ċ.

[5] *Cf.* art. 242 K.O.P.Ċ.

l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* fil-każ ta' Ines Calleja ma jgħoddux għall-każ tallum.

21. Ngħaddu issa għall-kwistjoni tallum li, fil-fehma tal-qorti, hija ferm aktar sempliċi milli qegħdin ipinġuha l-partijiet.

22. Fl-ewwel kawża bejn il-partijiet tallum il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2011 kienet iddeċidiet illi:

> »… … … il-konvenuti Bajada ma jistgħux jinqdew bl-art. 12A tal-Kap. 158 biex jilqgħu għal kull azzjoni li għamlet jew tista' tagħmel l-attriċi fil-*forum* kompetenti biex tikseb l-iżgumbrament tagħhom.«

23. Effettivament il-qorti qalet illi l-art. 12A tal-Kap 158 għandu jkun "bla effett" bejn il-partijiet, kif igħid u jrid l-art. 3(2) tal-Kap. 319:

> »**3.** (2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.«

24. Il-Qorti Kostituzzjoniali fis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2012 ħassret dik il-parti tas-sentenza u ordnat ħlas ta' kumpens minflok.

Effettivament, flok iddisapplikat l-art. 12A tal-Kap. 158, iddisapplikat l-art. 3(2) tal-Kap. 319.

25. Dan wassal biex l-art. 12A tal-Kap. 158 baqa' jkollu effett bejn il-partijiet bil-potenzjali li jerġa' jwassal għal ksur ieħor tad-drittijiet tal-attriċi bis-sitwazzjoni li baqgħet fis-seħħ wara li ngħatat is-sentenza.

26. Li tgħid, kif igħidu l-konvenuti u kif qalet l-ewwel qorti, illi s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2012 żżomm lill-attriċi milli tfittex rimedju għal ksur ulterjuri tad-drittijiet tagħha – ksur li baqa' jseħħ wara li ngħatat is-

sentenza – kien ikun ifisser illi r-rimedju monetarju li ordnat dik is-sentenza rriżulta li ma kienx wieħed effettiv ladarba ma hemm ebda mod kif ir-"rakkomandazzjoni" magħmula f'dik is-sentenza tiġi ġudizzjarjament esegwita. Fil-fatt iżda l-ħlas kien "bħala kumpens talli ġie leż lilha d-dritt tagħha ta' proprjetà kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea" u mhux ukoll talli dak id-dritt għad jiġi miksur minn dakinhar tas-sentenza 'l quddiem.

27. L-ilment tal-attriċi fil-kawża tallum – l-ilment li komplew jinkisru l-jeddijiet tagħha wara s-7 ta' Diċembru 2012 – ma huwiex l-istess ilment li ngħatat rimedju effettiv għalih bis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2012, li ma għandhiex tiġi interpretata bħallikieku tat lill-konvenuti liċenza biex ikompli jiksru l-jeddijiet tal-attriċi wkoll wara d-data tas-sentenza.

28. L-eċċezzjoni ta' *res iudicata* għalhekk ma kellhiex tintlaqa'.

29. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell tal-attriċi: tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* mressqa mill-partijiet u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

30. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-konvenuti Bajada u l-konvenuti l-oħra.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df